**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 32/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Denise Mula)**

**Vs**

**CARMELO FELICE**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmelo Felice talli fis-27 t'April, 1999, fid-9.00 p.m., gewwa San Giljan, waqt li kien bil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LVY-054:

1. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minghajr licenzja specifika ghall-imsemmija vettura ;
2. Ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju ta'terzi persuni ;
3. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu fil-pussess tieghu tag ta' l-identita' mahruga mill-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fis-6 ta'Frar, 2001, li biha sabet lill-Carmelo Felice hati ta' l-ewwel u tat-tieni akkuzi w ghalhekk ikkundannatu fuqhom Multa ta'Lm250, filwaqt li ddikjarat procediment ezawrit fil-konfront tat-tielet akkuza minhabba preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 688 (f) tal-Kap. Inoltre ordnat l-iskwalifika tal-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmelo Felice datat 14 ta'Frar, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-akkuzi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lill-Avukat Generali, fis-seduta tad-9 t'April, 2001, jeccepixxi li r-rikors t'appell ta'Carmelo Felice huwa null ghaliex hu qed jitlob it-thassir tas-sentenza appellata meta fill-fatt kellu jitlob ir-riforma taghha stante li l-appellant kien gie liberat minn wahda mit-tlett akkuzi li kienu addebitati lilu, cioe' it-tielet akkuza li giet dikjarata preskritta mill-ewwel Qorti.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bla ezitazzjoni ta’ xejn, din il-Qorti tiddikjara li l-Avukat Generali ghandu ragun.

Meta jkun hemm liberazzjoni minn xi akkuza, l-appellant qatt ma jista’ jitlob it-thassir tas-sentenza li minnha jkun qed jappella, izda jitlob biss il-modifika jew riforma ta’ dik is-sentenza. Dan huwa zball li mhux rimedjabbli w li, konsegwentement, igib in-nullita’ tar-rikors t’appell ghaliex ma jkunx sar skond ir-rekwiziti stabbiliti mill-ligi.

Ghalhekk filwaqt li l-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Genrali, qed tiddikjara r-rikors t’appell ta’ Carmelo Felice bhala wiehed null u hu f’dan is-sens li l-appell tieghu qed jigi michud minn din il-Qorti w is-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur